Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 327 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Frankie Falzon**

Illum, 5 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Frankie Falzon, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 138078M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn it-18 ta' Frar 2018 u id-29 ta' Mejju 2018, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. L-imgieba tieghu ammontat ghal-segwiment ta' persuna bil-mohbi u kkaguna lill-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M il-biza li f' ghallinqas zewg okkazzjonijiet kienet ser tintuza vjolenza fuqha, kif ukoll ikkaguna fuq l-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M allarm jew

dwejjaq li kellu effett avers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Chantelle Attard.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi hebb ghal eks-siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M u ghal Warren Bonello ID:57389M u kkagunalhom offiza ta' natura hafifa.
3. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ikkaguna lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrijhom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9.
4. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M.
5. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi gab ruhu b' mod li ta fastidju lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M.
6. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju ghal eks-siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M Leonora Attard ID:104692M Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M.
7. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jkisser jew li jhassar il-gieh ta' l-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M, weggahhom bi kliem, gesti, kitba jew b'disinji jew b'xi mod iehor.

8. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat kontra l-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.
9. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, jew bil-qerq hollow tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar,
10. Aktar talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi kiser ordni ta' probation mahrug mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D fit-18 ta' Frar 2018.
11. Aktar talli fl-istess cirkostanzi kkommetta reat waqt iz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat lilu mill Qorti tal-Magistrati Malta Dr. C. Stafrace Zammit LL.D li nghatat fit-18 ta' Frar 2018 u li hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.
12. Aktar talli fl-istess cirkostanzi kiser ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta kif ordnat mil-Qorti tal-Magistrati Malta Dr. C. Stafrace Zammit LL.D fit-18 ta' Frar 2018.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll il-provedimenti ta l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta tan-nies hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li jghogobha tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 28A sa 28H, 31, 251BA (1) (a) (b) (i) (ii) (5), 251B (1), 339 (1)(e), 251A (1) (a) (4), 412C (11) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 (a) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tat-tminn (8), tal-ghaxar (10), tal-hdax (11) u tat-tnax (12) -il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu sentejn (2) u tminn (8) xhur prigunerija filwaqt li irrendit operattiv il-perjodu ta' sena (1) prigunerija li gew sospizi fis-sentenza tat-18 ta' Frar 2018 moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta sabiex b' hekk l-imputat ghandu jiskonta perjodu kumplessiv ta' tliet (3) snin u tminn (8) xhur prigunerija. Il-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni ghar-ragunijiet indikati aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' seba' mija tlieta u hamsin Ewro u erbghin Ewro centezmi (€753.40c[1]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

---

[1] Rapport ta' Anthony Spiteri €753.40c inserit a fol

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma Warren Bonello, Silvana Attard, Carmelo Attard, Leonora Attard u Gregory Attard.

Rat ir-rikors tal-appellanti Frankie Falzon minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha thassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu sabet l-appellant hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, u konsegwentament tilliberah minnhom, tikkonferma fil-bqija s-sentenza u tghaddi sabiex tinfliggi piena aktar gusta u miti fil-konfront tal-appellant, u alternattivament, f' kaz biss illi din l-Onorabbli Qorti tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u tikkonferma is-sentenza appellata, l-appellant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirriforma is-sentenza appellata, billi tvarja il-piena inflitta, ghal wahda aktar ekwa, gusta u miti, sabiex tkun tirrispekkja il-fatti tal-kaz.

Rat **illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f' dan li ġej.**

**1. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma tatx bizzejjed piz, ir-rinunzja tal-eks siehba tal-appellant Chantelle Attard.**

Illi ghalkemm huw aminnu illi danwil-proceduri jistghu jitmexxew mill-Pulizija ex-officio nonstante ir-rinunzja da parte tal-kwerelanta, wiehed ghandu jaghti piz lil din ir-rinunzja u janalizza entro d-dinamika u l-fatti specie tal-kaz odjern.

Primarjament huwa stat ta' fatt koncess illi l-Qrati taghna permezz ta' sentenzi precedenti ammonew u taw lill-appellant opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jifhem illi m' ganndux ihalli s-sentimenti jigru bih b' tali mod illi jispicca huwa fuq in-naha hazin tal-gustizzja. Madankollu, wiehed gahndu jara x' wassal ghal tali sitwazzjoni. Illi l-appellant innifsu, a tempo vergine, kien sincier mal-Pulizija meta ammetta illi huw

aghamel kuntatt mal-appellanti u sussegwentament mal-familjari taghha. Illi dan ghandu jigi nnutat illi sar, permezz ta' komunikazzjoni illi l-appellanti stess ghamlet mal-appellant tant u hekk, illi gie stabbilit illi dakinhar tal-istqarrija hu kien mifiehem illi jerga' jiltaqa' mal-istess Chantelle Attard.

Illi ordni ta' protezzjoni, hija ordni moghtija minn Qorti sabiex tassikura illi persuna jew persuni ma jigix mcahhad id-dritt taghhom illi jghixu b' mod seren u sikur. Illikwalunkwe' ordni tal- Qorti gahndha tigi rispetatta, u f' danis-sens mhemmx hafna x' wiehed jista' jghid. Madankollu, meta jinholqu cirkostanzi, simili ghal kaz odjer, fejn il-kwerelanta li tkun talbet ghall-protezzjoni hi stess, min-naha taghha taghmel atti jew attentati sabiex din l-istess ordni tinkiser u b' hekk terga taghmel kuntatt mal-istess appellant, dan il-ksur ghandu jittiehed b ' mod reqq. Ikun ingust, illi persuna li tkun mentalment instabbli u li forsi minhabba relazzjoni passata fejnis-sentimenti jkunu ghadhom jezistu, tigi uzata konvenjentament mill-kwerelenta ai finijiet taghha, u sussegwentament wara li tkun webblet jew tat x' tifhem illi jkun hemm kwalunkwe' interess ta' komunikazzjoni, din il-persuna li favuriha tkun harget l-ordni ta' protezzjoni, tkun hi stess li f' daqqa wahd aterga' tingibed lura u taghmel ir-rapporti lill-awtoritajiet. Illi dna hu precizament dak li gara fil-kaz de quo, fej il-kwerelanta wara li kkomunikat mal-appellant, u tatu x' jifhem illi setghat tinbena relazzjoni bejnithom, f' daqqa wahd arrapurtat lill-awtoritajiet koncernati u sussegwentament inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-appellant. Illi dna kolu ghandu jittiehed, fil-kuntest illi kien f' dan il-mument li l-appellant rega' kkonferma illi matul il-mori tal-komunikazzjoni bejnithom l-eks siehba tieghu, kienet f' relazzjoni ma ' persuna ohra u cioe' ma ' certu Warren Bonello.

Illi dan jigi kkoraborat mill-fatt illi kienet l-istess Chantelle Attard, minhabba l=fatti sucitati illi minn jedda rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-istess Appellant, Franky Falzon.

Illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli qorti, gustament rrimarkat illi hadet konjizzjoni tar-rinunzja jidher illi dan ma sehhx meta giet biex tikkomputa l-piena, inkwantu jikkoncerna l-imputazzjoni fil-konfront tal- istess Chantelle Attard, li jistghu jitmexx ex officio.

Illi dan huwa kaz, illi ghalkemm vermanet l-appellant kif ammetta huwa stess, certi drabi qabez il-limitu, l-intenzjoni qatt ma kienet wahda doluza, madankollu wahda kkundizzjonata mill-fatt illi l-appellant, stante l-istat mentali tieghu, ma setghax jaccetta illi r-relazzjoni kienet intemmet u li l-ex siehba tieghu kellha forma ta' relazzjoni ohra.

Illi in vista ta' dak sucitat, l-appellant umilment huwa tal-fehma, illi l-ewwel (1) imputazzjoni dufficilment setghat tirrizulta. Dana minhabba l-fatt illi x-xhieda, tal-kwerelanta kienet krucjali sabiex jigu stabbili l-effetti li hallew fuqha, l-azzjonijiet tal-appellant.
Illi l-hames (5) imputazzjoni ukoll ma tistghax ragjonevolment tittiehed wahedha, u umilment ghandu jigi rrimarkat illi din l-imputazzjoni messa ittiehdet sei mai bhala mezz ai fini, tat- tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni, u ma tittiehedx in konsiderazzjoni in kwantu jikkoncerna l-piena.

**2. Piena**

Illi l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti, u cioe' dik komplessiva ta' tlett snin (3) u tminn xhur (8) prigunerija kienet wahda eccessiva, tenut kont diversi fatturi fosthom;

1. L- koperazzjoni bikrija tal-imputat
2. Ir-rinunzja tal-kwerelanta b' mod volontarju

Illi kif diga' gie ritenut diversi drabi, huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza penali nostrana, illi mhux in-norma illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba id-diskrezjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Dan il-principju gie rifless f' diversi sentenzi;

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, *"mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" [26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti)* li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi in kwantu jikkoncerna tali piena, tenut kont il-fatturi kollha tal-kaz, piena effettiva karcerarja ta' tlett snin (3) u tminn (8) xhur, zgur illi ma kienetx idonea. Illi tali piena zgur ma jistghax jinghad illi holqot bilanc bejn tali hsara illi sfortunatamnet ikkawza b' emilu l-appellant u l-gustizzja illi trid tidher illi qed issehh. Illi hekk kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil- kawza Il-Pulizija vs. Gide Idris Mahder

*Illi wiehed mill-iskopijiet tal-piena huwa li jigi rripristinat it-tessut socjali li jkun gie imcarrat bl-eghmil kriminali ta' dak li jkun. Skop iehor hu li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi filkaz ta' persuni li b' eghmilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu nkarcertati w ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reat gravi, s-*

*sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw isibu bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

Illi xinhu l-punt illi persuna, fi stat illi zgur illi gahndha bzonn l-gahjnuna sabiex tohrog mix-xibka emozzjonali illi hija inqabdet fiha, sforx ukoll tal-fatt illi l- kwerelanta stess mhux kkomunikat u tkelmet mieghu, illi din l-persuna tintbghat il-habs? Illi ghalkemm l-appellant, gustament ghandu jigi ammonit, sabiex jaghraf isegwi kwalunkwe' ordni moghtija mill-Qorti, anke jekk persuna kkoncernata tkun hi stes sli tavvicinah jew taghmel xi forma ta' komunikazzjoni mieghu, punt krucjali tal-gustizzja huwa ukoll illi tali persuna tigi kkurata u segwita min-nies professjonali fil-qasam. Huwa fatt ukoll, illi piena kercerarja zgur illi mhu ser twassal ghal ebda ghajnuna, fil-karattru tal-appellant, tenut kont l-akkuzi odjerni.

Tenut kont tas-suespost kif ukoll ta' dak li tghallem il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-senetnzi supra-citati, kif ukoll tad-diversi rakkomandazzjonijiet tal-kunsill tal-Ewropa, illi jinsistu fuq il-kuncett ta' gustizzja riformattiva, l-appellant gustament jistaqsi;

1. Kif tista' qatt il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, tkun is-soluzzjoni ghall-problema f' dawn ic-cirkustanzi, in vista ta' diversi studji illi lkoll jinciedu illi '*confinemnt doesn't improve one-self*'?

Ghaldaqstant, l-appellant jemmen illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata kemm fil-kwalita', fir-raguni u fuq kollox fil-kwantita' taghha, stante illi tali piena, ma tirriflettix l-ispirtu retributtiv u dak riformattiv , tant accennat u accettat, fil-kuncetti kriminali moderni.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, l-imputat gie arrestat fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) wara li saru numru ta' rapporti da parti ta' Chantelle Attard u persuni ohra minhabba li l-appellant allegatament kien qieghed jifastidja, jsegwi u jheddid minkejja li kien hemm Ordni ta' Protezzjoni a favur ta' Chantelle Attard in vigore. Mix-xhieda rrizulta li l-fastidju ma kienx dirett biss fil-konfront ta' Chantelle Attard izda anke fil-konfront ta' Warren Bonello s-sieheb ta' Chantelle Attard u fejn l-appellant allegatament kien anke jmur ihabbat il-bibien kemm ta' Chantelle Attard li tirrisjedi mal-genituri taghha u ma huha u anke mal-bieb ta' Warren Bonello li ukoll jirrisjedi fid-dar mal-genituri u l-ahwa. Gie allegat li kien hemm anke incident fejn l-appellant allegatament dahal *head on* fuq il-vettura misjuqa minn Chantelle Attard u saq minn fuq il-post.

Illi skont dak li jirrizulta mit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell, l-appellant qieghed jappella mill-htija tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet kif ukoll mill-piena. L-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet jaqraw:

1. *L-imgieba tieghu ammontat ghal-segwiment ta' persuna bil-mohbi u kkaguna lill-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M il-biza li f'ghallinqas zewg okkazzjonijiet kienet ser tintuza vjolenza fuqha, kif ukoll ikkaguna fuq l-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M allarm jew dwejjaq li kellu effett avers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Chantelle Attard.*

3. *Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ikkaguna lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrijhom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9.*

L-appellant ghalhekk qieghed jappella mill-htija kemm ta' imgieba ammontati ghal segwiment fil-konfront tal-eks siehba tieghu Chantelle Attard fejn ghalinqas f'zewg okkazzjonijiet kien hemm il-biza li ser tintuza vjolenza fuqha u anke li kkaguna l-allarm jew dwejjaq li kellu avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Chantelle Attard. Qieghed jappella ukoll mill-htija li kkaguna fuq Chantelle Attard, Silvana Attard, Carmelo Attard, Leonora Attard, Gregory Attard u Warren Bonello l-biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuni jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew persuna imsemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq li l-Qorti ma tatx bizzejjed piz ir-rinunzja tal-eks siehba tal-appellant, Chantelle Attard. Jissottometti li ghalkemm huwa minnu li dawn il-proceduri jistghu jitmexxew mill-Pulizija *ex officio* nonostante r-rinunzja da parte tal-kwerelanta, wiehed ghandu jaghti piz lil din ir-rinunzja u janalizza entro d-dinamika u l-fatti specie tal-kaz odjern. Li huwa koncess li l-Qrati permezz ta' sentenza precedenti ammonew u taw lill-appellant opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jidher li ma ghandux ihalli s-sentimenti jigri bih b'tali mod li jispicca fuq in-naha hazina tal-gustizzja. Jissottometti li wiehed ghandu jara x'wassal ghal tali sitwazzjoni. Li l-appellant kien sincier mal-Pulizija meta ammeta li huwa ghamel kuntatt mal-appellanti u sussegwenntement mal-familjari taghha. Li dan sar permezz ta' komunikazzjoni li l-kwerelanta stess ghamlet mal-appellant tant u hekk li gie stabbilit li dakinhar tal-istqarrija hu kien miftiehem li jerga jiltaqa mal-istess Chantelle Attard. Jissottometti li ordni ta' protezzjoni hija ordni moghtija minn Qorti sabiex tassikura li persuna jew persuni ma jigux mcahhda mid-dritt taghhom illi jghixu b'mod seren u sikur. Li kwalunkwe ordni tal-Qorti ghandha tigi rispettata u f'dan is-sens m'hemmx hafna x'wiehed jista' jghid. Madankollu, il-kwerelanti li tkun talbet ghal protezzjoni hi stess taghmel atti jew attentati sabiex din l-ordni tinkiser u b'hekk terga taghmel kuntatt mal-istess appellant, dan il-ksur ghandu jittiehed b'mod reqq. Li ikun ingust li persuna li tkun mentalment instabbli u li forsi minhabba relazzjoni passata fejn is-sentimenti

jkunu ghadhom jezistu, tigi uzata konvenjentament mill-kwerelanta ai fini taghha u sussegwentament wara li tkun webblet jew tat x'tifhem li jkun hemm kwalunkwe interess ta' komunikazzjoni, din il-persuna li favuriha tkun harget l-ordni ta' protezzjoni, tkun hi stess li f'daqqa wahda terga tingibed lura u taghmel ir-rapport lill-awtoritajiet. Li skont l-appellant dan hu dak li gara fil-kaz, fejn il-kwerelanta wara li kkomunikat mal-appellant u taghtu x'jifhem li setghet tinbeda relazzjoni bejnithom, f'daqqa wahda rraportat lill-awtoritajiet koncernati u sussegwentement inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-appellant. Jispjega li dan kollu ghandu jittehed fil-kuntest li kien f'dan il-mument li l-appellant kkonferma matul il-mori tal-komunikazzjoni bejnithom l-eks siehba tieghu kienet f'relazzjoni ma persuna ohra u cioe' ma certu Warren Bonello. Li kienet Chantelle Attard stess li rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant. Li skont l-appellant r-rinunzja ma ttiehditx in konsiderazzjoni meta giet biex tikkomputa l-piena. Gie sottomess ukoll li l-appellant jammetti li certi drabi qabez il-limitu, l-intenzjoni qatt ma kienet wahda doluza, madakonllu kkundizzjonata mill-fatt li l-appellant, stante l-istat mentali tieghu ma setghax jaccetta li r-relazzjoni kienet intemmet u li l-ex siehba tieghu kellha forma ta' relazzjoni ohra. Ghalhekk skontu, l-ewwel imputazzjoni difficilment setghet tirrizulta peress li l-kwerelanta kienet krucjali sabiex jigu stabbili l-effetti li hallew fuqha, l-azzjonijiet tal-appellant.

Ghalkemm fit-talba tar-rikors tal-appell jitlob li jigi liberat mill-ewwel (1) u l-hames (5) imputazzjoni, jissottometti f'dan l-aggravju li l-hames (5) imputazzjoni ukoll ma tistax ragjonevolment tittiehed wahedha u li din l-imputazzjoni messa ittiehdet se mai bhala mezz ai fini tat-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjoni u ma ttiehitx in konsiderazzjoni in kwantu jikkonerna l-piena.

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkunsidra jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet. Fl-ewwel lok jirrizulta li Chantelle Attard fix-xhieda tad-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) tghid li rrangaw l-affarijiet u li ma ghadx ghandha interess f'dawn il-proceduri.

Hi rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali. Tghid li l-karozza taghha kienet, mhux ta' Warren. Ma jirrizultax ikkontestat li l-imputazzjonijiet imsemmija huma prosegwibbli *ex officio* u ghalhekk ir-rinunzja tal-parti leza f'dan il-kaz ta' Chantelle Attard ma jgibx il-waqfien tal-proceduri.

Filfatt l-artikolu 543 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-Att XIII tal-2018 sar jaqra li:

*'Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*
*(a) fil-każ ta' delitti li għalihom il-liġi ma tiddisponix espressament li hija meħtieġa l-kwerela privata;*
*(b) fil-każ ta' reati li jikkonsistu filli jinġiebu armi ipprojbiti fuq il-persuna jew fil-każ ta' reat kontra l-liġijiet dwar is-sajd, il-vetturi jew id-dgħajjes, inkella dwar arti jew sengħa;*
*(ċ) fil-każ ta' reat magħmul kontra persuna li, minħabba xi difett tal-ġisem jew tal-moħħ, ma tkunx tista 'tmexxi l-azzjoni kriminali, ukoll jekk ir-reat iku nwieħed li għalih, kieku kien magħmul kontra persunaoħra, kienet tkun meħtieġa l-kwerela privata;*
*(d) fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali;*
*(e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:*
*Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:*
*Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*
*(f) fil-każ ta' stupru kif imfisser fl-artikolu 198 ta' dan il-Kodiċi:*

*Iżda, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi stupru tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, kullminuri involuti, u kull terzi persuni relevanti oħra.'*

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tqis li ma hemmx il-htiega tal-kwerela tal-parti leza sabiex il-Pulizija tipprocedi rigwardanti r-reati kontemplati fl-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet. In oltre' anke li kieku l-azzjoni kriminali ghal dawn ir-reati kienet tmiss lil offiz, ai termini tal-proviso tal-artikolu 373 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta la darba r-rinunzja ma saritx fi zmien erbat'ijiet minn meta sar ir-reat, il-Pulizija setghet tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Jesmond Borg) Vs Michael Calleja'**[2] ghalkemm dwar reati diversi minn dawk li nstab hati l-appellant, dwar ir-rinunzja gie meqjus li:

*'L-ewwelentt dawn il-proċeduri tmexxew bħal istruittorja ġaladarba kien hemm imputazzjoni li tiżboq il-kompetenza oriaġinali. Għalhekk il-proċeduri ma tmexxewx mill-parti allegatament leża.*

*Il-Qorti mbagħad eżaminat ukoll il-proviso tal-artikolu 373 li jgħid hekk:*

*'Iżda meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi , l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il- Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio.'*

*Minn imkien ma jirriżulta li saret xi rinunzja fit-terminu ta' erbat ijiem indikat f'dan il-proviso*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Jannar, 2011 (Appell Kriminali Numru: 194/2010)

*u għalhekk, ukoll kieku l- proċeduri ma tmexxewx bil-proċedura tal-istruttorja, xorta l-Prosekuzzjoni setgħet tmexxi ex-uffcio.*

*L-abbli difensur tal-imputat issottommetta li l-allegata vittma kienet ħafret lill-imputat meta qalet:*

***'Nixtieq ngħid illi wara dan l-inċident u għadda xi żmien u anke tkellimt ma' xi persuni u qgħadt nirrifletti nixtieq ngħid li jiena lill-imputat naħfirlu u naħseb li dan l-inċident kollu huwa a storm in a teacup. Jiena filfatt nitlob lil Ġesu' biex jaħfer lilu u li anke jaħfer lili fejn jien niżbalja. Nixtieq ngħid li jien mingħalija spiċċa kollox f'dan l-inċident ...'*** [3]

*L-appellant jikkowota b'approvazzjoni dak li ntqal mill- Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija versus Pietru Cutajar' fit-12 ta' Ġunju 1996 u jikkummenta hekk:*

*'Illi* **a contrario sensu** *la darba r-reat ravviżat fl-artikolu 221 jeħtieġ il-kwerela tal-parti leża, il-maħfra tal-parti leża tammonta għal rinunzja tal-kwerela.'*

*Ikkonsidrat*

*Li skond l-artikolu 545(1) tal-Kap 9:*

*'Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s- sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.'*

*Skond il-ġurisprudenza, (ara: Il-Pulizija versus Rose Mary Pengelly – 29 t'April, 1998 – Volume LXXXII Part IV paġina 162- Qorti tal-Appell Kriminali):*

*'Ir-reċess tal-kwerelant ma jista' jkollu ebda effett fuq proċeduri kriminali (ħlief għall-finijiet ta' mitigazzjoni ta' piena) ġaladarba l-azzjoni dwar reat ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet, tajjeb jew ħażin, qed titmexxa mill-*

---

[3] Paġini 38 u 39 tal-proċess. (Din ir-referenza tinsab fit-tielet (3) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

*pulizija ex officio.'*[4]

*Fil-każ odjern, hemm problema ċara li l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija u qatt f'isem l-allegata vittma jew kwerelanti.*

*Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti qed tiddeċiedi li wkoll jekk jitqies li l-allegata vittma rrinunzjat għall-kwerela impliċitament meta ħafret lill-imputat, fid-dawl tal- ġurisprudenza kkwotata fil-paragrafu preċedenti, ġaladarba l-proċeduri tmexxew mill-Pulizija, il-proċeduri ma jiqfux iżda jista' biss ikun hemm mitigazzjoni fil-piena.*'

L-appellant mhuwiex jikkontesta li l-proceduri ghar-reati in kwistjoni jitmexxew *ex officio* izda jilmenta li l-Qorti kellha tiehu kont tar-rinunzja anke abbazi tal-fatti speci tal-kaz fejn jghid li wiehed ghandu jaghti piz lil din ir-rinunzja u janalizza entro d-dinamika u l-fatti specie tal-kaz odjern.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tqis jekk l-Ewwel Qorti setghetx issib htija ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet li l-appellant qieghed jappella minnhom. Chantelle Attard fis-seduta tat-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) li xehdet permezz tal-procedura tal-videoconference mistoqsija dwar Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) il' quddiem ikkonfermat li kienu iltaqghu '*ghax bdejt nibza' li jaghmilli xi haga jew hekk*'. Dan kien wara li kien il-habs. Spjegat li kien hemm l-incident ta' meta kienet tinsab l-isptar tara lil certu Warren ma min qed tohrog issa u li '*l-ewwel cempilli ma qbadtx u mbaghad qas kien hemm giex minuti jigifieri rajtu gej fejn is-sodda fejn il-pazjent*' fejn kien anke taghha daqqa f'ghajnejha. Dan kien bejn April u Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Tghid li

---

[4] Il-Pulizija kontra Manuel sive Lolly Cassar 9 t'Ottubru 1998 Qorti tal-Appell Kriminali Vol LXXXII.IV.paġina 379: 'Il-proviso tal-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali japplika biss fil-każijiet ta' reati ta' kompetenza oriġinali ta' dik il-Qorti, jiġifieri dawk imsemmijin fl-artikolu 370(1) tal- istess Kodiċi jew reati msemmija f'xi liġi oħra li, b'dispożizzjoni espressa, huma ta' komeptenza essklussiva tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.' (Din ir-referenza tinsab fir-raba' (4) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

jaghmel dawn l-affarijiet bis-sakra u li ma jaghmel xejn meta jkun f'sensih. Spjegat ukoll meta kienet sejra ghal Warren u rajtu l-wied ta' Hal-Qormi, rat il-van tal-imputat u fejn saq warajha, u gie kontra u dahal fil-mudguard, rega rriversja u rega ghaddielha minn man-number plate. Xehdet dwar episodji ohra fosthom meta '*konna Ghawdex jien u Warren u qalli jien qed nistennik fejn id-dar. U jien ovvjament kont Ghawdex u bdejt nibza' ghandi missieri marid u hekk u nibza' li jigrilu xi haga, Qalli ghandi hadida f' idi, ghandi salib u beda jghid hafna affarijiet hekk. U jien ghidt paroli ghax qatt m' ghamel xejn l-affarijiet f' idu. Imbaghad mort id-dar norqod jiena u qalli ghandek xi haga fil-karozza ghax il-karozza tieghi ma tissakkarx kelli gia' accident iehor qabel mhux mieghu imma. U jiena qomt filghodu sejra ghax-xoghol u nsib id-dashboard kollu Heineken minn gewwa nahseb flixkun tefa', fejn ngholli l-handbrake ukoll it-toqba hekk. U kelli l-flixkun fuq is-seat tieghi.*' Timmagina li gie Frankie jitfghu ghax qalilha li ghandha xi *present* fil-karozza tefahulha hu. Tghid li kien hemm theddid fuq il-mobile u li kif ikun ha jaqa dejjem taqtalu u thallih iparla wahdu. Tghid li kienet giet eskortata darbtejn mill-Ghassa tal-Belt wara x-xoghol ghax '*dejjem icempilli u jghidli qed nistennik fejn il-karozza u hekk u dejjem ikolli noqghod niftahha, niftah il-bagoll u jigu warajja sa wara l-bieb tad-dar*'. Mistoqsijiet jekk kien haddiehor li kellu jghinha biex tmur lura d-dar wara x-xoghol qalet li kien hemm securities li qghadu maghha sa kemm gew il-pulizija, tghid li daqs kemm graw affarijiet tinsa x'gara. Spjegat li '*kien hemm dik t' Ghawdex li eskortawna minn Haz-Zebbug sa Hal-Qormi u mbaghad gew warajja tal-Ghassa tal-Hamrun sal-Pieta*'' u spjega '*Ghax ovvjament gej warajkom, qed infixkom, qeghda hekk, qieghed hekk. Fejn narakom ha ntikom daqqa ta' van dejjem hekk, dik l-kelma dejjem saret*'. Mistoqsija kif thossha minhabba dawn l-affarijiet qalet '*Imbezza' uh ghax anke kif nimxi naf li qieghed hemm gew ukoll inhares lura bla ma rrid*'. Il-familja taghha l-hin kollu jcemplulha jekk hijiex all right. Missierha huwa marid u l-imputat jigi ipaqpaq fejn id-dar, icempel it-telphone fl-ghaxra ta bil-lejl. Tghid li jixrob ghax dejjem ihawduh shabu, ghax maghha meta kienet tghidlu biex llum ma johrogx, ma kienx johrog. Jekk ma jkunx id-dar jew ma jkunx xoghol ikun qed jixrob.

Jirrizulta li Chantelle Attard ma kinitx l-unika persuna li kienet fastidjata bl-agir tal-imputat. Filfatt Warren Bonello bil-procedura tal-video conference fis-seduta tat-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li ilu xhur johrog ma Chantelle. Spjega li l-imputat iddobba n-numru tieghu, icempillu, jheddu, jigi jhabbatlu quddiem il-bieb, iwerwer lil ommu u lil familja tighu. Kien anke jigih fuq ix-xoghol ifittxu. Kien anke mar l-isptar ghalih, fejn ix-xhud kien fuq is-sodda, dahal fis-sala, gie jaghtih fuq wiccu qisu biex jipprovokah u kellu cavetta f'idu u hu u hiereg '*ghidtlu itlaq 'l hemm. U hu u hiereg ta daqqa ta' ponn lil Chantelle go ghajnejha. Qomt jien, imbuttajtu u tani daqqa ta' cavetta go ghonqi*'. Spjega x'gara meta Chantelle kellu incident bil-karozza, jghid li seta' jara l-incident fejn '*Mill-Stop harget hekk ghad-dritt u nara fil-pront lil Frankie gas down mit-triq tieghi jaghti fuq l-isteering baqa' diehel go Chantelle imn alla rriversjajt ghax kien intihielha head on id-daqqa baqa' sejjer*'. Meta gieli cempillu, spjega li '*Jheddidni, joffendini, qieghed wara l-bieb qed nistennik*'. Spjega '*Dejjem ha raguni qatt ma tani ragunijiet. Nahseb ghax kien jaf li qed nohrog ma' Chantelle jiena uh kif nista' nimmagina jiena*'. Xehed li '*nixtieq jiena minhabba l-famija tieghi u hekk uh heq, dejjem imwerwrin. U anke jien nohrog dejjem imwerwer mid-dar ghax il-hin kollu jcempel u jhedded dawn mhux affarijiet uh ma nistax nibqa' sejjer hekk*'.

PC276 Gregory Attard li huwa hu Chantelle Attard xehed fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li l-imputat kellu relazzjoni ma ohtu u li ghalkemm l-imputat kien tressaq il-Qorti ftit xhur ilu baqa bl-istalking, harassment, jiffitaha u jigri warajha. Harget protection order fuq Chantelle Attard izda dan baqa jcempel id-dar kontinwu, tal-inqas tletin darba kull jum specjalment fil-weekends, jigi hdejn id-dar jirrejsa, ikun hemm it-tfal zghar jibqa' ghaddej gas down. Spjega li '*Lili l-ħin kollu jċempilli fuq il-mobile tiegħi bil-linja tiegħu fejn jien ibblukjajtu biss beda jċempilli bl-anon, ma nafx min hu ovvja li rrid naqbdu, kien ikun hu kull darba u kien iċempilli minn numri ta' persuni oħra li ma nafhomx. Malli kont naqbdu jibda jgħajjat, jibda jgħid li se jifqagħni, li rridu niltaqgħu. Kont infurmajtu li l-pulizija kienu resquh il-Qorti, mgħandux għalfejn jagħmel kuntatt miegħi qallu "Jien għala bieb żobbi mil-pulizija." Meta għedtlu għal Qorti qalli, "Jien*

*għala bieb żobbi minn kulħadd. Mhux se nħabbel żobbi. Ukoll meta heddidni kemm-il darba ġieli ċempel lil oħti u jkun hemm jiena xhud mall-taqbdu titfghu loud speaker ħalli nisma x'qed jgħid u jheddidha bija kull darba. Li "Se nsib lil ħuk, niġi u nreddahulu. Se nifqgħu m'Alla. Il-ħin kollu sejjer hekk. bażikament dawk u fejn jidħol jien ukoll qed ikolli kull darba nmur għal oħti jien fuq il-post tax-xogħol għax dak dejjem inmur hemmhekk.*' Kemm il-darba kien id-dar meta jcempel id-dar. Spjega '*Dak it-tip li konna naqilgħu t-telefon għax dan il-persuna kontinwament ikompli jċempel.*' u dan minn numri diversi, minn fuq tieghu u minn fuq tan-nies.

Oht Chantelle u cioe' Leonora Vella Attard fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet li l-imputat kien icempel fuq it-telephone tad-dar u '*kien jghidli hello u kont nghidlu tergax iccempel hawnhekk u naqta' t-telephone*' Dan l-ahhar kienet tigri ta' spiss u eventwalment kien jibqa jcempel u kienet taqtghu minn mal-hajt. In kontro-ezami spjegat li l-konverzazzjoni ma kintix tkun twila, kien jghid hello u kienet tghidlu tergax iccempel iktar u taqta t-telephone. Sylvana Attard omm Chantelle Attard fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjegat li l-imputat '*dan l-ahhar il-hin kollu jcempel id-dar ma waqafx bit-telefonati wahda wara l-ohra mentri mhu suppost kellu jcempel u xorta baqa' jcempel.*' Spjegat li r-ragel ghandu kundizzjoni medika u l-imputat kien jigi fejn il-bieb jirrejzja l-karozza, ipaqpaq il-hornijiet. Spjegat li '*ghandi r-ragel ghandu kundizzjoni ghandu pulmonary fibrosis qieghed end of stage taghha tista' timmagina u kull darba li jisma' t-telephone kull darba dan ir-ragel kwazi kwazi jinzillu l-oxygen u jghidli rega' cempel, rega' cempel jitwerwer ghax ovvjament hu bla sahha breathless, il-hin kollu 24 hours on oxygen concentrator. Fil-fatt ghandi certifikat gibtu mieghi tar-ragel il-kundizzjoni tieghu f' hiex inhi u kull darba jitwerwer.*' Tghid li qed jikkawza hafna problemi fil-familja. Mistoqsija dwar kemm il-darba grat f'dawn l-ahhar xhur qalet li grat hafna drabi. Tghid li '*jibda jcempel it-telephone jekk per ezempju jibda jcempel certu hin jibqa' mux icempel darba jaqta' forsi jghaddi ftit tal-hin jerga' jcempel le icempel jinqata' t-telephone ghax ma nwiegbuhx jerga jcempel, jerga jcempel. U gieli wegibtu jien. Darba minnhom wegibtu ghidtlu inti mhux suppost qed iccempel hawnekk, ghidtlu taf li qieghed bil-dik tal-Qorti li mhux*

*suppost icempel hawnhekk. U xorta baqa' ma jridx jaqta' baqa' jrid jitkellem, baqa' jrid jitkellem. Ovvjament kull darba naqtghulu u spiccajna qed naqalghu t-telephone b' mod specjali filghaxija qed nispiccaw bla telephone naqalghuh, niskonnetjawh biex zgur ma jcempilx ghax bil-biza' li billejl ha jerga' jcempel'*. Tghid li fuq il-mobile dan l-ahhar ma beda icempel ghax ibblokjatu izda fuq messenger gieli rceviet messaggi. Spjegat '*jirrejzja, jpaqpaq il-hornijiet u anke gieli cempel il-qanpiena vuol diri tad-dar imma dan l-ahhar kien icempel, aw kien jirrejzja u jpaqpaq il-hornijiet u jibqa' hemm vuol diri u jghaqqad vuol diri jdum hemmhekk*'. In kontro-ezami qalet li ghamel habta kien icempel il-qanpiena ried bilfors qisu s-sitwazzjoni biex tinzel tkelmu, biex jinzel ikelmu xi hadd. Gieli cemplu l-Pulizija, ghamlu rapporti.

Christine Bonello li hija oht Warren Bonello xehdet fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fjejn spjegat li Warren johrog ma Chantelle u li meta Warren Bonello kien l-isptar, gie Frankie Falzon l-isptar fejn kien ta' daqqa ta' ponn lil Chantelle go wiccha u huha qam biex iferraqhom, u kien ha jipprova jaghti lil huha u laqtu bic-cavetta u huha imbuttah. Frankie Falzon kien anke gie wara l-bieb tad-dar. Spjegat ukoll li '*Jigi wara l-bieb tad-dar, idoqqilna l-qanpiena biex nohorgu. L-ewwel darba hrigt jiena fil-gallarija u ghidtlu tipo biex jitlaq m' ghandux ghalfejn jigi. Darb' ohra nserta kien hawn missieri mar biex ikellmu u nizel biex ikellmu bil-kelma t-tajba u jghidlu ma jibqax jigi u qallu, qallu le qallu jien gejt u nibza' nigi. U jien kont fil-gallarija, kif wasal f' nofs ta' triq kellu arma fil-kalzetta xi haga li jissikkaw it-tyres ma nafx x'inhi ezatt*'. Spjegat anke x'kien gara meta baqa diehel bil-karozza go Chantelle u kienet fil-gallarija u '*Hu kien gej minn naha tat-triq, Chantelle kienet gejja minn naha l-ohra u baqa' diehel go fiha bil-van*'. Maria Carmela Bonello omm Warren fix-xhieda taghha tat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjegat li Warren li qieghed f'relazzjoni ma Chantelle kellu problemi ma' Frankie Falzon. Spjegat li '*Hemm naqra mhux hazin. L-ewwel li beda bit-telefonati jhedded it-tifel. Kien darba l-Hadd filghodu qallu gej wara l-bieb u jien ghandi tifel ifhimni fih m' gholha hawn. Jiena r-ragel tieghi msiefer u naghmilha t' omm u ta' missier. U qalli jekk jigi qalli ha nohrog ghalih ghidtlu le ghidtli ejja ninzlu l-ghassa u mort irrapurtajt, urejnih il-messaggi. Dak kien l-ewwel rapport. Minn hemm baqa jcempillu u mbaghad kellna kaz iehor beda gej wara l-bieb, beda jaqta' t-telephone it-tifel u*

*taqta' t-telephone Chantelle u beda jigini wara l-bieb. Ghandi bieb tal-aluminium ihabbat, jidholli wara l-bieb tal-aluminium u jkun ha jaqlali l-bieb. Darba minnhom l-ewwel daba hrigt inkellmu mal-gallarija ghidtlu itlaq ghidtlu m' ghandekx x' taghmel hawn u ergajt ghamilt rapport iehor. It-tieni darba, it-tielet darba kelli t-tifel qieghed l-iSptar kien ilu mit-Tnejn sal-Gimgha, il-Hamis baghtuh il-Gimgha. Il-Hamis gie l-iSptar qeghdin jiena, it-tifla u Chantelle u t-tifel fis-sodda u gie sorpiza. Gie fejn it-tifel taptaplu tnejn fuq wiccu qisu biex ipprovokah u qallu din taf li kienet mieghi l-lejl l-iehor. U qabzet Chantelle qaltlu itlaq 'il barra qaltlu m' ghndekx x'tigi taghmel hawn. Dar fuq Chantelle taha daqqa go wiccha, it-tifel qam biex ma jkompliex itiha. Fil-pront dan Frankie dar u kellu cwievet u laqtu f' ghonqu lit-tifel u minn hawn u minn hemm insomma zammewh is-security u nqala panic shih. Keccewh minn go l-iSptar u hallewh jitlaq. Wara hames minuti rega' beda jcempel lit-tifel. Wasalt id-dar wara kwarta, 20 minuta nerga' nsibu wara l-bieb. Dahalli wara l-bieb tal-aluminium ghax ma lhaqtx ghalaqt il-bieb tal-aluminium ghax kelli l-gharus tat-tifla kien ghadu jrid jigi biex ma noqghodx ninzel niftah u sa dahalli wara l-bieb ihabbat kemm jiftlah ried jaqla l-bieb. Cempilna lil Pulizija, il-Pulizija qalulha ma nistghu nitilghu inzlu ergghu ghamlu rapport u ergajna inzilna naghmlu rapport iehor. Issa dak wiehed. Dak ghandi iehor rega' gie wara l-bieb kien minghalija s-Sibt.'* Tal-Isptar grat mhux dan ix-xahar, tahseb li x-xahar ta' qabel.

Hija kompliet tispjega x'kien gara meta laqtilha l-karozza u li t-tifel ried johrog u ma hallietux. Tghid li taghha hass hazin fit-tarag u ma ratux diehel fuqha. Spjegat meta anke kien niezel ir-ragel ikellmu fil-gallarija bil-kelma t-tajba. Spjegat li 'J*iena m'ghandi xejn kontra tieghu. Jiena x kien hemm bejnu u bejn Chantelle ma jimpurtaniex imma nsomma. U nizel jekellmu r-ragel u wara ftit qallu mela ftehma qallu ' hawn tersaqliex ir-ragel. Qallu le qallu hawnhekk nigi qallu u ha nibqa nigi jigifieri sfidah.*' In kontro-ezami dwar l-incident tal-karozza qalet li t-tifla kienet fil-gallarija, kienu qed jistennewh gej ghax semghu lil Chantelle li qed jigri warajha.

Steve Bonello fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) dwar l-imputat spjega li quddiem il-bieb '*fejn hu t-tifel, ihabbat fuq il-bieb, jheddu. Ghajjat, fis-sakra u anzi*

*kont fil-gallarija l-ewwel qalli inzel. Inzilt u tkellimna fil-kwiet biex il-kliem ikun sew u beda jhedded lit-tifel u ghax hekk u ghax hekk u ghax hekk. Jiena dan l-affarijiet, jien minhabba l-familja tieghi. Jien ma jinteressaniex minn xejn'*. Dwar it-tifel qallu '*Li pufta u ha noqtlu u affarijiet hekk. Dan kien il-kliem*' qallu biex imur bil-kwiet u ma jersaqlux lejn il-bieb. Mistoqsi ghad-data meta gie wara l-bieb qal li '*Jien ha nghidlek sitt gimghat ilu eh u dan jigifieri mhux l-ewwel kaz konna barra t-tifla wahedha jigi jhabbat u jcempel u jqazzez it-triq kollu. It-tifla, it-tfal u l-mara m'ghandhomx x'jaqsmu*'. Darba li kien prezenti meta gie.

Gew ipprezentati rapporti maghmulha minn Warren Bonello dwar l-imputat fis-sebgha (7) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghal habta ta' 23:00hrs gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug li beda jircievi diversi telefonati minghand Frankie Falzon. Li kein hemm diversi kliem ta' theddid waqt dawn it-telefonati u li Frankie Falzon kien jghidlu biex jiltaqaghu wara l-bieb tar-residenza tieghu biex jiskwerjaw l-affaijiet '*la qlajt gwerra naghmlu gwerra u noqlok u diversi affaijiet ohra*.' Warren Bonello rraporta li dan inqala wara li qed johrog ma Chantelle Attard li hasret minn ma Frankie Falzon.

Rapport iehor maghmul minn Steven Bonello u Marlene (Maria Carmela) Bonello a fol 177 tal-process immarkat bhala RG 2 fejn fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) irraportaw li Frankie Falzon kien mar wara l-bieb residenzjali taghhom. F'dak ir-rapport, Marlene Bonello kienet sostniet li dan mhux l-ewwel darba li grat li jigi wara r-residenza taghhom, sahansitra l-gimgha l-ohra kien gie gewwa l-Isptar Mater Dei u nqala incident hemm. Frankie Falzon skont dak li jirizulta f'dan ir-rapport kien qal li '*Jien mort darba biex inkellem lil Warren u ma ergajtx ersaqt lejn ir-residenza taghhom.*'

PC 946 Kurt Farrugia fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li '*nhar is-26 ta' Mejju tas-sena 2018 ghal habta tal-ghaxra neqsin ghaxra is-Sinjura Chantelle Attard irrapurtat l-Ghassa ta' Haz-Zebbug fejn mieghi stqarret li meta kienet ix-Xemxija Malta ghal habta tad-disgha u kwart kien cempillha xi hadd fuq il-mobile*

*taghha fejn gharfet li kien certu Frankie falzon l-ex partner taghha fejn minn naha tieghu qalilha li kien ser isibha u jtiha daqqa ta' van head on bhal ma kien diga' ghamillha u jaghtiha ukoll daqqa ta' hadida go rasha. Hija kompliet tghid li l-istess telefonata Frankie kien qalilha li kien ser jinzel mill-van jmur bil-mixi wara l-bieb taghha, skuzani kien se jnzel mill-van u jinzel bil-mixi wara l-bieb tad-dar taghha. Dan ghaliex ma setax jghaddi bil-van skond xi sentenza tal-Qorti, dan kollu hekk kif spjegat Chantelle mieghi.*'

Gie esebiet rapport iehor a fol 188 immarkat bhala TC1 datat il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) dwar incident li sehh fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn il-kwerelant Warren Bonello qal li l-imputat kien qieghed imur fuq il-post tax-xoghol u kien qed jistaqsi jekk kienx qieghed hemm biex ikellmu. Bonello irraporta ukoll li kien ra lil Frankie hdejn id-dar tieghu ghaddej bil-karozza u Frankie sellem lil Bonello. Tnizzel ukoll li '*Iktar tard illum ghal habta ta' bejn 14:50hrs u 15:00hrs, Frankie kien gab in-numru tal-mobile ta' Bonello u kien cempillu waqt illi kien fuq il-post tax-xoghol fejn qallu li ser nigi nsibek.*' Fl-istess rapport tnizzel li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) Warren Bonello rcieva messagg li kien jghid '*Fejn qieghed ha niltaqghu*'.

Gie prezentat ukoll rapport immarkat bhala TC2 a fol 190 datat id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) dwar l-incident awtomobilistiku bejn Frankie Falzon u Chantelle Attard fejn l-imputat kien irraporta li Chantelle Attard baqghet diehla go fih bil-vettura u fejn mir-rapport jirizulta li meta sar kuntatt maghha mill-pulizja gholliet lehinha u sostniet li ma segthetx issuqa l-vettura u meta marret l-ghassa skuzat ruha talli bdiet tgholli lehinha fuq it-telefon sforz il-paniku. Tnizzel li gie spjegat li '*kont qed insuq bil-vettura tieghi... fil-Wied ta' Hal Qormi u rajt lil Frankie gej bil-vettura hamra minn faccata tieghi. Jien kont ser nigi l-ghassa u peress li rajtu lilu jien bqajt insuq lejn tal-Hlas u lilu ergajt rajtu fiz-zona maghrufa tal-Hlas u kif wasalt Triq is-Sajf rajtu gej gas down, irriversjajt u wehilt mal-bankina. Hu baqa gej ghal fuqi, dahal go fija, irriversja u rega dahal gol-vettura tieghi ghat-tieni darba." Hsarat kawza ta' dan huma fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura.*'

Gie esebit rapport iehor, din id-darba datat is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) immarkat bhala ICI a fol 207 fejn Chantelle Attard irraportat li waqt li kienet gewwa Blu ward Mater Dei hdejn l-gharus taghha Warren, mar l-ex partner taghha certu Frankie Falzon minn Hal Qormi u beda jargumenta u taghha xi daqqa. Gie mnizel li '*Chantelle qalet li dan Frankie mar u qallha " Ehe, ehe, ghidtlu li kont mieghi il-bierah?" fejn Chantelle qalet li irispondietu lura "X'inhu affarik fejn qeda" u taghni daqqa go wici that ghajnejja, nahha tax- xellug u beda jargumenta ma' l-gharus tieghi.*' Tnizzel ukoll li '*Chantelle qalet li dan Frankie ghandu garanzija mil- qorti biex ma' jkellimiex u l-anqas jaghmel kuntatt maghha. Chantelle qalet li wara l-incident hi telqet mill isptar, fejn Frankie beda jcemplilha..*' Tnizzel li diversi telefonati saru minn 16:54hrs sa 19:03hrs waqt li kienet l-isptar u hi ma wegbitx ghal dawn it-telefonati. Li cemplilha minn numru iehor fejn qabditu u qalilha "*Jien Frankie ghid lil Warren jaqbdu ha nkelmu*". Gie esebit rapport iehor datat is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), din id-darba maghmul minn Christine Bonello u Marlene (Maria Carmela) Bonello dwar li kien mar Frnakie Fazon ihabbat ir-residenza taghhom minhabba kwistjoni li kienet ghadha kemm inqalat ghal habta ta' 18:45 hrs gewwa l-Isptar Mater Dei. Gie spjegat li anke wara li s-securities hargu l-barra lil Frankie mill-Isptar, ftit tal-hin wara Frankie rega cempel li Warren.

Kevin Dalli fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjega li kien ra l-imputat iwassal it-tfajla x-xoghol u cioe is-Suq tal-Belt u li f'Gunju kien cempillu jiftakar li kellhom xi problemi mieghu u ried jiltaqa mieghu u qallu li ma ghandux ghalfejn jiltaqa mieghu, li jinteressah li l-kaxxiera taghmel xoghlha. Spjega li 'kien just ġie darba niftakar makontx hemmhekk jien għax kont xogħol imm aqaluli "*Ġie Frankie u ried ikellem lil Chantelle." Milli jidher kien għamel xi panic barra mas-security u s-security keċċewh u daqshekk kienet l-istorja. Ma kien ġara xejn aktar bażikament. Pero' l-event li kien jikkonċerna lili kien speċi dik id-darba li kien ġie u ried jiltaqa' miegħi għal xi raġuni. Jien bqajt ngħidlu "Isma m'għandekx għalfejn tiltaqa' miegħi punto e basta.*" L-Ispettur Joseph Busuttil fix-xhieda tieghu tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u

tmintax (2018) fost affarijiet ohra spjega li wara li l-imputat kien ammetta l-akkuza u nghata sentenza, ftit taz-zmien wara rega beda jaghmel xi haga simili izda gravat tant li kien baqa diehel fil-vettura ta' Chantelle, harab minn fuq il-post u baqa sejjer jaghmel rapport l-Ghassa ta' hit and run, hija kienet qieghda tohrog ma Warren Bonello u kien imur wara l-bieb tad-dar tieghu jaghmel l-istorbju u jistiednu ghal glied u jaghmel l-istess quddiem id-dar taghha.

Ghalhekk ma hemmx dubju li kien hemm numru ta' incidenti fejn l-appellant mhux biss ghamel kuntatt ma' Chantelle Attard, fejn mhux biss lemhitu issuq, fejn anke kien mar fuq il-post tax-xoghol taghha u anke l-isptar fejn kien rikoverat Warren Bonello izda anke ghamel kuntatt ma' persuni ohra tal-familja taghha u anke mas-sieheb taghha u l-familja tieghu.

Minn naha l-ohra l-imputat ma jidhirx li qieghed jikkontesta li kien hemm kuntatt ma' Chantelle Attard, izda jispega fl-istqarrijiet tieghu li kienet hi li ghamlet kuntatt mieghu l-ewwel u li anke sa dak in-nhar tal-arrest kienu tkellmu fuq it-telefon. Jinsisti li hu jhobbha u anke hi tghid li thobbu. Fl-istqarrija rilaxxata fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fost affarijiet ohra wara li gie mistoqsi dwar il-protection order u ghala baqghu jitkelmu spjega li '*Ahna bqajna nitkellmu xorta ghax wara gurnata jew wara jumejn cemplitli hi bil-private number xi t-tmienja u nofs ta' bil-lejl (08:30pm), kellha l-karozza minghajr rota u kellha l-karozza t' ommha u mort ghaliha fejn id-dar t'ommha u baqghet iccempilli bil-private number, bqajna naghmlu kuntatti jiena u hi, bqajna qisna relazzjoni flimkien ergajna komplejna t-triq li hallejna qabel ma dhalt il-habs jien. Jien ma nichadx li ma nhobbiex lil Chanelle ghax jien wara tnejn u ghoxrin (22) sena li kont mizzewweg, sewwa ? Wara xahar sibt lil Chantelle u dejjem ghidtilha jien lil Chantelle li nhobba...*' L-gharus ta' Chantelle jaf li joqghod fejn ommu, naqra l-fuq. Jghid li ghamlu hafna drabi flimkien anke lukanda marru flimkien, weekend. Gieli mar fejn ix-xoghol kemm il-darba ghaliha, meta jkollha l-karozza bil-hsara, tkun ta' bil-lejl jew filghodu imur iwassalha qabel ma jmur ghax-xoghol. Dwar hu Chanelle spjega li '*Dan l-ahhar nhar is-*

*Sibt, mill-Qorti ' l hawn nhar is-Sibt biss cempiltlu biex ikun jaf x'qed jigri bejni u bejn Chantelle ghax Chantelle ma tridx taghti kas, x'hin tarani relazzjoni m'ohra ma tistax tarani, qaltli nibqa diehel ghalik bil-karozza u b' kollox, jew tmur issawwata jew taf fejn tahdem biex tkellima. Xi hadd minn tal-familja taghha sa tlett (3) gimgha ilhu stess baghat il-kuntatti m'ommha bil-kelma t-tajba lil ommha, naf li ma nistax inkellimha, naf li ghandhom il-mard, ma jkollhomx mohna, imma xi hadd irid ikun jaf mill-familja taghha din, sewwa? Siegha hi u siegha jien, it-tnejn (3) bqajna naghfgu bejnietna. Sewwa ? L-imhabba li hi ghandha ghalija sippost, dejjem kif tghidli, u jien ghandi l-imhabba, jien ma nichadx li ma jhobbhiex. Dik hi l-bicca xoghol.'* Dwar il-habta jghid li '*Mhux it-tnejn (2) quddiem*' '*Quddiem ukoll hit and run tiegi, hit and run dik?*' PC 1425 Adrian Ciappara qallu '*Bumper to bumper*'. Qal li facebook ma ghandux u l-iehor block ma setghax bat ritratt. Messenger ilu blokkjat. Cahad li pogga flixkun heineken hdejn id-dar taghha fit-triq.

Spjega li '*Jien immur dejjem ta' fejn id-dar taghhom ta'*, *biex inwassal lil Chantelle, meta mmur inwassalha, mmur ghaliha jigifier sa nahseb anke huha rani lili bil-vann, ma qalli xejn, meta kont nkun ma' Chantelle nistenniha jigifieri. Fejn id-dar taghha mmur jien ghax gieghli jew wara x-xoghol tmur tinhasel u tohrog, nohorgu flimkien, kemm il-darba mmur fejn id-dar taghha, bil-kelma t-tajba u daqshekk jigifieri. Din mhux wahda (1) jew tnejn (2), specjalment meta kienet minghajr karozza kuljum sewwa? Meta kienet ghand il-mechanic specjalment il-karozza, iccempilli u mmur ghaliha. Daqqa mmur inwassala ghax-xoghol, daqqa mmur ghaliha x-xoghol, hekk ta', jigifieri r-relazzjoni xorta bqajna jiena u Chantelle.'* Mistoqsi '*Ghaliex bqajtu ghaddejin b'din ir-relazzjoni jekk inti sippost bil-Qorti ma kellekx tersaq lejha ?*' wiegeb '*Le, mhux qed naghmlu xejn hazin.*' Mistoqsi '*Mhux qed taghmlu xejn hazin hemm xi erba' (4) rapporti ?*' wiegeb '*Fejn timxi l-imhabba m' hemmx . . . . jiena ghandi kaz fuq hekk il-mara ta' jigifieri. Jien il-Qorti taqtahhieli, ha nghidlek jiena Sir, jien ghandi lil Dr Edward Gatt, all right, bhala avukat, qieghed fil-kaz tal-mara tieghi, u wahhalni sena li ma nistax nara lit-tfal u hekk, sewwa ? Minn naha tal-Qorti. Once li jien ghidtlu nista' nkellimhom jien lit-tfal, jiena hadt parir qabel minghand l-avukat, qalli once li ma ssibx oggezzjoni l-mara, li ma tmurx tikklejmja jew hekk qalli r-relazzjoni tista' tibqa' ghaddeja.'* Mistoqsi '*Imma din qed nghidu li din ghamlet*

*diga xi erba' (4) rapporti.'* wiegeb '*Ija, hi ghalfejn terga' ccempilli bhal lum mela terġa'? Billi tmur taghmilli rapporti allura ? Sa dalghodu stess regghet cemplitli.*' Dwar il-habta jghid li '*baqghet hierga minn stop sign u jien hiereg ghall-affari tieghi. Insomma jien ma nwegibx ghal din, ghandi kull dritt.*' L-Ispettur qallu '*U bdiet tohrog ma' xi hadd iehor.*' u wiegeb '*Iva, ara u tohrog mieghi, twassal lil haddiehor.*'. Mistoqsi '*Allura ghalfejn tmur fejn il-bieb tad-dar tieghu, hafna storbju, theddid, tmurlu fejn ix-xoghol.*' jigifieri lil dan li qed tohrog mieghu wiegeb '*Mela lilhi ma jcemplulix f'xi hin icempluli lilu. Ara jien m'inhix, m'inhix vavu mmur l-Ghassa.*'

Mistoqsi jekk se jibqa' jiltaqa maghha wiegeb '*Ma nafx Sir, ma nafx. Iebsa bhalissa daqs kemm hi iebsa ahseb, iebsa ghax naf nigi llum tigi ghada tghidli, sal-lejla stess konna miftiehmnin.*' Mistoqsi jekk jara futur maghha wiegeb '*Jien, hi m'ghandhiex futur mieghi ghax jien akbar minnha, fhimtha ? Hu ghandu 40 sena u hi 25 ha taghlaqhom.*' Qal li '*filghaxija niggieldu, pupp filghodu ccempilli, tghidli icempilli sa dalghodu stess ta' jigifieri zewg (2) minuti, qaghdna siegha u nofs ta' flimkien ta' Sir, siegha u nofs u hi tibza' minhabba l-familja taghha, issa jien il-familja taghha qatt m'ghamiltilhom xejn, dejjem gid raw minnhi, tista' tghida il kulhadd ghax jekk nakkwistaw xi haga, nixtri xi haga, mur ha Chan, mur.*' Icempillilha bil-linja tieghu. Jghid li meta keccietha ommha giet torqod ghandha ommu. Mistoqsi sahha beda johrog maghha avolja l-Qorti qaltlu biex ma johrogx maghha '*ghaliex sahha bdejt taghmel hekk, bdejtu taghmlu hekk t-tnejn (2) li intom, ghaliex xorta qaghad tmur fejn id-dar taghha ?*' wiegeb '*Le, minn dakinhar 'l hawn qatt ma morrt, jumejn ilhu li mort. Li mmur ghaliha biex inwassala fejn id-dar.*' Jumejn ilu mar iwassalha, jghid li jmur ghaliha. Kemm il-darba mar hdejn id-dar taghha jistenniha sakemm tinhasel, imur ghaliha fejn ix-xoghol ta' spiss li jmur ghaliha. Gieli jkunu fil-karozza u tghidlu li ha tghaddi sad-dar u titla girja u jmorru. Jumejn ilu mar biex jara jekk '*hiex qieghda vera d-dar. Cemplitli xi nofs il-lejl (00:00), qaltli diehla d-dar, ghidtilha vera jien ?* Jien kont qed niehu drink, *ghidtilha mhux veru qieghda d-dar, ghidtilha ixaghal id-dawl jien ghax mill-kantunira l-ohra narah id-dawl, qaltli ghadni barra u mort niccekja fen qieghda nara hux qieghda l-karozza minn hemm u daqshekk. Sa gurnata qabel konna flimkien jien u hi, sa din il-gimgha stess konna flimkien, hawn*

*sal-gimgha l-ohra, kollha kwazi, sewwa ? Niltaqghu tlett (3) darbiet, erba' (4) darbiet fil-gimgha.*'

Lil huha '*Cempiltlu qatt ma rrispondinix imbaghad bghattlu dan ir-ritratt tal-Messenger biex nurih li qieghed relazzjoni ma' Chantelle.*' Ma jafx kemm il-darba cempel lil huha. Jghid li '*nixtieq ghax hi qatt ma turihom kollox, huma jahsbu li jien il-hazin imma jien nixtieq inparla, jien anke m'oht, Silvana, m'ohta, kemm nxitieq inparla darba ma' Silvana.*' Jghid li Silvana ommha.

In-numru Chantelle tatulu, jghid li cemplitlu l-ghada jew jumejn wara bil-private number, imbghad hi tatulu. Jghid li l-ewwel xahar icempillu hi mis-sitta ta' filghaxija sat-tmienja ta' filghodu. Spjega '*Ghamilna xahar hekk iccempilli hi iss u jien ma nistax incemplilha li x'hin trid hi bil-kumdita' taghha ccempel hi, jien ma nistax incemplilha, sewwa ? Issa mbaghad wara xahar taghtuli n-numru taghha, sewwa ? Sewwa hekk ? Issa ilhu block in-numru, inti rajthu block qieghed taghha, iccempilli bil-private number, jien bilfors ikolli naqbadu l-private number ghax jista' jkunu tax-xoghol ta' xi hadd iehor. Ehh ? Meta trid hi ccempilli. Inti rajtu b'ghajnejk Sir li qieghed ibblukjat in-numru taghha, jigifeiri hi Chantelle*' Ikkonferma li jcemplilha bil-private number lilha. Jghid li '*Bil-private incemplilha jigifieri, ma nistax incempilha call mill-ewwel, irrid noqghod naghfas hash. Dak kulhadd jaqbdu.*' Spjega li '*hi iccempel ukoll gifieri, t-tnejn (2) li ahna. Jien mhux qed nghidlek li m'ghandix forsi tort ta' maghha, ghandi tort, mela m'ghandix imma daqs kemm ghandi tort ghandi ragun maghha ta' wkoll. Jigifieri m'hemm xejn. Din xoghol tal-imhabba bejnietna jiena u hi.*' Spjega li '*nhobba u daqshekk, dik hi, bhal ma hi sa dalghodu stess tghidli nhobbok, nhobbok, sa dalghodu stess ghamlet siegha u nofs bil-call Sir.*'

Fl-istqarrija rilaxxata fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) dwar meta keccewha tal-familja u jghid li ghamlet lejl torqod ghandu xi xahar, xahar u nofs ilu. Warren Bonello jaf lil hu il-mara u Chantelle x'hin '*qbadt naghmel kuntatti dan l-ahhar li kont minn gol-habs, kienet tghidli hafna diskors ta' dak iz-zmien , Fhimta ? U kont*

*nghid min qed iwaslilha din l-informazzjoni lil Chantelle jien...*' Skopra x'hin hareg mill-habs li kienet qed tohrog ma Warren u li Warren mar iparla ma' Chantelle. Mistoqsi kemm il-darba mar quddiem il-bieb tad-dar ta' Warren jaghmel ghalih u jghajjat u storbju wiegeb li qatt ma jaghmel ghalih, '*Jien biex niftahlu li nghidlu per ezempju li hi kienet mieghi l-bierah u qatt m'emminni.*' Jghid li ghamilha darbtejn. Jghid li jcempillu '*biex ikun jaf il-verita' minnhi li hu qatt ma semghaha l-verita'. Jien sa nhar il-Gimgha stess wasslitu fil-hdax ta' bi-lejl (11:00 pm) u giet wara l-hdax ta' bil-lejl (11:00 pm) giet ghalija, sewwa ? Jien ma nistax tibqa' sejra daqqa ma' dak u daqqa mieghi tibilghu f'sormu bija u tibilghu f'sormu bih, sewwa? Jew taqta' hajjitha 'l hemm jew 'l hawn, sewwa?*' Dwar l-incident tal-isptar spjega li lilu qaltlu li ma ghadix tohrog ma Warren, li kellhom ikla u ordnala l-ikel u skopra li Warren qieghed l-isptar u '*mort niccekja li vera nara mhux qieghed l-isptar u nsibha mimduda mieghu. Issa hi kienet qed tghidli mhux qed tohrog mieghu dan l-ahhar.*' Kien '*naqra skurmentat dak il-hin ghax lili tghidli mod, lil Warren tghidlu mod iehor u ma tafx fejn qieghda. Daqqa mieghi u daqqa mieghek ? U jien ghalhekk nghidilha, r-relazzjoni tieghi ha nkompli ma hadddiehor Chan. Le, nidhol ghalik, sa dalghodu stess qaltli jekk narak ma' tfajla qaltli anke dik li bghattli rritratt fuqha sewwa? Qaltli skoprejt li kienet tahdem l-Airport ukoll.*'

Spjega li kienet qed tkellem Gharbi bl-Ingliz peress li taparsi hu ma jifhimx u li din il-persuna Gharbija qalilha biex tigi ghalih illejla u l-imputat qalilha '*Chantelle x'qed taghmel ? Ghiditilha anke mal-Gharab jiena ?*' Jaf li dan il-persuna Gharbija jahdem is-suq u mar ikellmu bil-kelma t-tajba. Mistoqsi kemm il-darba keccewh mix-xoghol taghha qal li darbtejn. Mal-manager tkellem kemm il-darba.

Rega qal li sal-dalghodu stess telefonata ta' siegha u nofs fejn qaltlu '*naf ccekjajt kollox fejn tahdem u fejn toqghod.*' L-ispettur issugerilu li l-problema li ghandu li malli jixrob ma jibqax l-istess persuna, jaqbduh id-dwejjaq u jitfixkel, mistoqsi jekk ha trattament habba l-alkohol wiegeb li '*Ijja, ma niehux ? Mela ma niehux.*' Jghid li ghandu probation officer Maria Mifsud, li jaghti urine darba fil-gimgha. Jghid li '*Jien nkun sew, all right ? Imma gieghli tfixkilni Chantelle, dik, dik li tfixkilni, ma nafx fejn qieghed maghha...*'

Ikkunsidrat ulterjorament;

Ma huwiex ikkontestat li l-appellant cempel lil Chantelle Attard diversi drabi, jirrizulta ukoll li anke cempel lil Warren Bonello u Gregory Attard. Jirrizulta mir-rapport tal-espert Anthony Spiteri li kien hemm telefonati u messaggi lil Chantelle Attard, Warren Bonello, Sylvana Attard fuq in-numru tad-dar u Gregory Attard. Jirrizulta ukoll li kien hemm anke telefonati minn Chantelle Attard versu l-appellant. Ma jirrizultax ikkontestat li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) kienet ikkundannat lill appellant ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin flimkien ma ordni ta' protezzjoni ghal zmien tlett snin. Jirrizulta ghalhekk li l-appellant nonostante din is-sentenza u din l-ordni, baqa jaghmel kuntatt mal-kwerelanta fejn l-appellant mhux biss kien icempillha ta' sikwiet, izda kien imur fuq il-post tax-xoghol, wara l-bieb tad-dar taghha, wara l-bieb tad-dar tas-sieheb taghha Warren Bonello u safrattant mar anke l-isptar meta Warren Bonello kien rikoverat hemm u kien hemm prezenti Chantelle Attard. B'zieda ma dan kif jistqar l-imputat stess fl-interrogazzjoni kien anke qal lil Chantelle Attard biex tixghel id-dawl tad-dar biex jara jekk verament kienet id-dar. Chantelle Attard fix-xhieda taghha tghid li '*kien hemm fejn iltqajtna ta wara l-Habs ghax bdejt nibza*' *li jaghmilli xi haga*' u li '*Bdejt nibza*' *li jew ha jaghmilli xi haga u hekk u dejjem iltqajt fhimt.*' Tikkonferma li ltaqghu naqra mhux hazin minn meta hareg mill-habs. Ghalkemm Chantelle Attard tikkonferma li kienu iltaqghu, ma gietx mistoqsija in kontro-ezami ghala kienet tikkuntatjah u meta kienet l-ahhar darba li ltaqghet mieghu u jekk dan kienx bil-kunsens taghha. Mix-xhieda taghha izda hareg car li kellha titlob li tigi eskortata mill-Pulizija biex tmur ghal karozza, li hi u Warren kienu gew eskortati mill-Pulizija peress li kien jheddidhom l-appellant, li kien icemplilha, li kienet tibza tant li tghid li timxi thares warajha u li anke l-familjari kienu inkwetati ghaliha tant li jcemplulha biex jaraw jekk kollox sew. Gialadarba l-appellant mhuwiex jappella mill-imputazzjoni dwar li kiser ordni ta' protezzjoni, ma huwiex ikkontestat li l-appellant

ghamel dan kollu waqt li suppost ma kellux la jikkuntatja u lanqas javvicina lil Chantelle Attard. L-argument tal-appellant huwa li jhobbha, li kienet Chantelle Attard stes li kienet ikkuntatjatu wara s-sentenza tal-Qorti u li kien jikkuntatja lil Warren Bonello biex ikun jaf fejn qieghed ghax jghid li kienet qieghda tiltaqa' mieghu u anke ma Warren Bonello. Din il-Qorti temfasizza li l-appellant ghazla wahda u cara kellu u cioe' li ma kellu qatt jaghmel kuntatt u/jew javvicina lill-kwerelanta, anke jekk verament kienet l-appellanta li kkuntatjatu, kellu jkun hu li jinjora dan jew jirraporta lil Pulizija u mhux talli jaghmel kuntatt maghha talli anke jammetti li kien icempel b'numru li ma jidhirx biex taqbdu. Jekk kien jaf li f'xi zmien jew iehor kienet qieghda f'relazzjoni ma' haddiehor u cioe' ma' Warren, x'sens kien jaghmel li minkejja l-ordni tal-protezzjoni jibqa' jsegwiha, imur fuq ix-xoghol, imur l-isptar fejn kien hemm Warren Bonello, hi u familjati tieghu, imur wara l-bieb tad-dar u jcempel kontinwament?

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Hubert Cini) vs John Pace'</u>**[5] il-Qorti ma sabitx htija li l-imputat bezza persuna li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra proprjeta taghha jew persuni jew propejta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha, lanqas li ta' fastidju. Lanqas ma nstabet htija li segwa persuna bil-mohbi liema segwiment involva biza' li titwettaq vjolenza jew holoq alarm jew dwejjaq u lanqas li li kiser kundizzjonijiet dwar helsien mill-arrest izda kien instab hati li ma obdiex ordnijiet legittimi, li kiser ordni ta' protezjoni u li kien recediv. Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

*'Illi ghalkemm Maria Dolores Pace ma tidhirx li kienet hekk imbezza minn zewgha, kif trid taghti l-impressjoni, tant li marret tigbru hi personalment mill-Habs, xorta jibqa' l-fatt li <u>kien l-imputat</u> li kellu ordnijiet sabiex ma javvicinax lill-martu u mhux vice versa. B'ammissjoni tieghu stess sar dan. Filwaqt li tali agir minn naha taghha seta xejjen l-ewwel tlett*

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' April, 2016 (Kumpilazzjoni numru: 475/2015)

*imputazzjonijiet, certament ma joffru ebda skuzant fir-rigward tal-fatt li kiser ordni ta' protezzjoni mahrug fil-konfront tieghu kif ukoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-helsien mill-arrest tieghu. Illi fir- rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il- Pulizija vs Joseph Bajada****:*[6]

*"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il- fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l- Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs James Demanuele*** *deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-*

---

[6] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013] (Din ir-referenza tinsab fit-tlettax (13)-il nota tas-sentenza citata.)

*Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

*Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a "course of conduct" (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**" per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L- Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."*

*Ssir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef**:*[7]

*"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif*

[7] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011]. (Din ir-referenza tinsab fl-erbatax (14)-il nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

*previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il- harassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:*

*... illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x- xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta'* ***Blackstone's Criminal Practice, 2008****:*

***"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct...It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where***

***incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday..."***

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal- imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic- cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il- kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."*

*Illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat hekk imsejjah ta' stalking introdott fil-ligi taghna bl-Att XXIV tal-2014. Il-konsiderazzjonijiet maghmula rigward l-ewwel zewg imputazzjonijiet jassumu rilevanza akbar fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni. L-ligi ghalhekk titkellem dwar "imgieba", a course of conduct, u minn dina l-esposizzjoni legali jirrizulta illi dawn ir-reati ma jisussistux jekk dan ikun xi incident izolat. Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat mil-ewwel tlett imputazzjonijiet.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Cachia) Vs Massimo Tivisini'**[8] gie meqjus:

*'Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit- test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa fil- waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar- reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 351/2008)

*ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir- rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.*

*F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta'* ***<u>"rejected stalkers"</u>*** *fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil- ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil- ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-"intimacy seekers" li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta' mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-"erotomanic stalkers" li jemmnu li l- vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta' stalker hu dak tal-"incompetent suitor" li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta' inadekwatezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal- "predatory stalker" li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta' xi tip ta' attakk sesswali.*

*Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*

*Illi mix-xiehda ta' Camilleri kif gja intqal jirrizulta wkoll li dawn l-incidenti tal-1 ta' Settembru, 2008 ma kienux ta' darba jew kaz izolat imma kienu preceduti minn ohrajn fejn l-appellant sahansitra kien processat u nstab hati ta' sekwestru w fastidju fil-konfront ta' Camilleri. Minkejja l- kundanni li ssubixxa, jidher li l-appellant ftit li xejn ta widen ghall-provvedimenti ta' sentenzi sospizi w garanzija imposti fuqu biex ma jkomplix jaghmel dan. Dan hu kaz klassiku ta' "rejected stalker" u dan hu proprju l-agir li fil- fehma ta' din il-Qorti, trid tipprojbixxi w tippunixxi l-ligi bl- artikoli l-godda fuq imsemmija introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Att XX tal-2005.*

*Ghalkemm l-appellant fir-rikors tal-appell jissottometti li hi haga naturali li hu jitlob spjegazzjoni minnghand l-ex- amanti tieghu talli hallietu, din il-Qorti ma tistax - f' dan il- kaz - tissimpatizza b' xi mod ma din it-tezi tal-appellant li hass ruhu "jilted", dizappuntat,jew dizilluz u mwegga' bl- agir tal-ex-amanti tieghu. Dan hu ragel matur ta' erbghin sena, mizzewweg u b' mara tigri warajh ghall- manteniment - kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu - w mhux xi guvni ta' eta' tenera mimli bl-ideali w illuzjonijiet giovanili dwar l-imhabba. Ghalhekk ma tistax ma tqisx li l- agir tieghu kien jikkostitwixxi fastidju fis-sens tal-ligi.'*

Dwar ir-reat kontemplat permezz tal-artikolu 251BA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Ahmad Yassine'**[9] gie meqjus li:

*'Issa ghalkemm huwa minnu illi minn dak li tixhed il-parti leza abbinat mal-Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-qorti kontra l-appellant, hemm prova ta' course of conduct li qed jikkaguna biza fil-parti leza minhabba retroxxena ta' vjolenza domestika, kif inghad, madanakollu l-akkuza kif redatta, kif gustament jishaq l-appellant fl- aggravju minnu intentat, jirreferi ghal data specifika u hin specifiku u allura jindika illi r-reati gew allegatament kommessi biss f'dik l-okkazzjoni hemmhekk indikata. Bil-fatt wahdu illi fil-jum u l-hin indikat fl-akkuza l-appellant ipprova jkellem lil parti leza u segwieha bil-vettura ma iwassalx wahdu bhala fatt ghal xi course of conduct kif trid il-ligi, tant hu hekk li anke l-artikolu 251BA introdott permezz tal-Att XXIV tal-2014 li johloq ir-reat ta'l-insegwiment jew 'l hekk ismejjah stalking, jaghmel referenza ghal "zewg okkazzjonijiet". Illi allura gjaldarba l-Prosekuzzjoni issejjes l- akkuza taghha biss fuq id-data tal-24 ta' Novembru 2016 fil-hin tal-17:30hrs, allura ma tistax tinstab htija ghall-akkuza kif imbaghad formulata billi dan imur kontra l- ispirtu tal-artikoli 251A u 251B tal-Kodici Kriminali kif indikat aktar 'il fuq.'*

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi kif korrettament qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2020 (Appell Numru: 192/2017)

*'Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz, u senjatament mix-xhieda ta' Chantelle Attard jirrizulta li l-imputat kien qieghed jiffastidja lil Chantelle Attard b'segwiment persistenti tant li kellha tirrikorri f'aktar minn cirkostanza wahda ghand il-Pulizija sabiex tigi skortata. Tali assistenza ntalbet aktar minn darbtejn kemm mill-post tax- xoghol taghha u minn postijiet ohra stante l-biza li l-imputat ikun qed isegwiha kif ukoll ghaliex kien jghidilha li ser itiha daqqa ta' van, bhalma wara kollox spicca ghamel fid-19 ta' Mejju 2018. L-imputat stess fl- istqarrija ammetta li jghasses lil Chantelle Attard u kien imur barra l-post tax-xoghol taghha u anki quddiem ir-residenza taghha u dik ta' Warren Bonello. Jirrizulta li l-imgieba tal-imputat tikkwalifika bhala a course of conduct u dan fuq il-perjodu ta' bejn Frar 2018 u Mejju 2018. Apparti l- insegwiment, kien hemm ukoll telefonati kontinwi. Fil-fehma tal-Qorti tirrizulta r-rejita' ghall-imputazzjonijiet in dizamina, ghajr ghas-sitt wahda li l-Qorti ser tqis li nghatat alternattivament ghall-imputazzjoni numru hamsa.'*

Ma hemmx dubju li kien hemm dak l-imsejjah 'course of conduct' fejn l-appellant segwa lil Chantelle Attard u kkaguna biza li ser tintuza vjolenza fuqha u li anke kkaguna allarm jew dwejjaq. Tant kemm dan kellu effett avers fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Chantelle Attard li kellha f'okkazzjonijiet anke tigi eskortata mill-Pulizija ghal protezzjoni. Kif gia ikkunsidrat aktar kmieni f'din is-sentenza, anke jekk kienet Chantelle Attard li ghamlet l-ewwel kuntatt mieghu wara li nghatat is-sentenza fejn kien hemm ordni ta' protezzjoni favur taghha, l-obbligu kien fuq l-appellant sabiex ma jaghmilx kuntatt mal-kwerelanta. In oltre' din il-Qorti tqis li ma jaghmel l-ebda sens li bhal donnu jaghti x'jifhem li regghu kienu f'relazzjoni flimkien izda fl-istess waqt jaf li kellha relazzjoni ma Warren Bonello tant li kien anke icempel lilu u jmur wara l-bieb tad-dar tieghu. Jirrizulta li l-appellant kien anke jhedded lil Chantelle Attard, lil huha Gregory Attard u s-sieheb taghha Warren Bonello. L-agir tal-appellant huwa wiehed kundannabli fejn mhux biss wasal imur kontra l-ordni tal-Qoorti u jaghmel dan anke waqt l-perjodju operativ ta' sentenza sospiza, izda li in oltre kompla bl-agir fastidjuz tieghu tant li l-agir tieghu ma kienx limitat biss fil-konfront tal-ex siehba tieghu Chantelle Attard izda anke fil-konfront tal-familjari taghha, fil-konfront tas-sieheb taghha Chantelle Attard u anke ta' familjari tas-sieheb taghha. Rigwardanti s-

sottomissjonijiet tal-appellant fl-appell tieghu fejn jghid li l-kwerelanta webblet jew tat x'tifhem li kellha interess ta' komunikazzjoni, fl-istess waqt tingibed lura u taghmel ir-rapport lill-awtoritajiet, din il-Qorti tqis li anke jekk b'xi mod jew iehor Chantelle Attard tat x'tifhem li kellha interess fl-appellant u fejn forsi f'xi istanzi anke ltaqghu jew li wara l-hrug tal-Ordni tal-Protezzjoni ghal xi zmien regghu kienu f'relazzjoni flimkien kif jaghti x'jifhem l-appellant fl-istqarrijiet tieghu, dan bl-ebda mod ma jiggustifika li l-appellant isegwi lil Chantelle Attard, jhedded lilha, lil huha, lil Warren Bonello, tant li jikkawza biza f'Chantelle Attard u Warren Bonello li se tintuza vjolenza kontra taghhom.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant. L-istess jinghad dwar it-tielet (3) imputazzjoni tant li l-agir tal-appellant mhux biss kien f'xi waqtiet jammonta ghal segwiment bil-mohbi tant li ghal aktar minn zewg okkazzjonijiet ikkaguna biza f'Chantelle Attard li se tintuza vjolenza fuqha u kkaguna allarm jew dwejjaq fuq Chantelle Attard, izda in oltre' l-agir tieghu kien tali li kkawza biza f' Chantelle Attard u anke f'Warren Bonello li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuni jew proprjeta' ta' xi hadd familjari. Minkejja li jirrizulta li l-appellant kien imur wara bieb tad-dar ta' Silvana Attard, la Silvana Attard u lanqas Leonora Vella Attard ma xehdu espressament li kienu imbezzghin li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra persuni ohra jew proprjeta' taghhom. Ghalhekk ghalkemm setghu hassewhom fastidjati bl-agir tal-appellant, dan mhux necessarjament jammonta ghal biza. L-istess jinghad rigward Gregory Attard fejn ghalkemm huwa xehed li '*Kont qed immur għaliha jien ix-xogħol il-għaliex din bil-biżgħa li dan qed ikun hemm*.' hawnhekk huwa evidenti li qed jirreferi ghal biza ta' Chantelle Attard. Minkejja li rrizulta ukoll li l-appellant kien jheddu, dan ix-xhud ma xehdx li huwa kien imbezza li se tintuza vjolenza kontrih, kontra persuni ohra jew kontra l-proprjeta' taghhom u ghaldaqstant din il-Qorti sejra tillibera fejn il-Qorti sabet htija kontra tal-appellant tat-tielet (3) imputazzjoni f'dak li jirrigwarda li kkawza biza f'Silvana Attard, Leonora Attard u Gregory Attard. In oltre',

din il-Qorti tqis ukoll li minkejja li Silvana Attard xehdet li l-appellant kien qieghed jikrea anke biza fir-ragel taghha u cioe' f'missier Chantelle Attard li huwa persuna b'kundizzjoni medika serja meta l-appellant kien joqghod icempel it-telefon tad-dar u jmur wara l-bieb tad-dar ipaqpaq u jirrejzja, gialadarba Carmelo Attard ma xehdx f'dawn il-proceduri, it-tielet akkuza ma tirrizultax fir-rigward tieghu.

B'zieda ma dan tqis li ghar-rigward tar-rinunzja da parti ta' Chantelle Attard, terga tissotolinea li f'dak li jirrigwardaw dawn iz-zewg imputazzjonijiet u cioe' l-ewwel (1) u t-tielet (3), dawn huma prosegwibbli ex officio u ghalhekk *se mai* ir-rinunzja ghandha titiehed kont taghha *ai fini* ta' piena. L-appellant fl-appell tieghu jissottometti ukoll li l-hames (5) imputazzjoni ma tistax tittiehed wahedha u kellha titiehed bhala mezz *ai fini* tat-tielet u r-raba imputazzjoni. Ir-raba' u l-hames (5) imputazzjonijiet jaqraw:

> *4. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M.*
>
> *5. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi gab ruhu b' mod li ta fastidju lil-eks siehba tieghu Chantelle Attard ID:410893M, Silvana Attard ID:338167M, Carmelo Attard ID:501163M, Leonora Attard ID:104692M, Gregory Attard ID:148695M u Warren Bonello ID:57389M.*

Din il-Qorti ma taqbilx, filfatt l-Ewwel Qorti korrettament qieset li '*sitt wahda li l-Qorti ser tqis li nghatat alternattivament ghall-imputazzjoni numru hamsa.*' Ghalhekk kienet is-sitt (6) imputazzjoni li kienet alternattiva ghal hames (5) imputazzjoni izda t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet ma humiex alternattivi u ghalkemm l-istess att jista' jammonta ghal reati diversi taht dawn it-tlett imputazzjonijiet, nonostante dan, dawn ir-reati huma distinti minn xulxin. Ghalhekk anke dan il-parti tal-aggravju huwa infondat.

Ikkunsidrat;

L-appellant appella ukoll mill-piena imposta mill-Ewwel qorti fejn gie kkundannat ghal sentejn u tmien xhur prigunerija ghal reati li nstab hati taghhom mertu ta' dawn il-proceduri, kif ukoll irrendiet operattiv il-perjodu ta' sena prigunerija li kienet giet sospiza permezz tas-sentenza tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018). Ghalhekk l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal perjodu kumplessiv ta' tlett (3) snin u tmien (8) xhur prigunerija effettivi.

Din il-Qorti tqis li fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell, ma jirrizultax li l-appellant qieghed jikkontesta s-sejbien ta' htija li kkommetta reat waqt iz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) kif imsemmija fl-imputazzjoni numru hdax (11), tant li huwa ma appellax mis-sejbien ta' htija ta' din l-imputazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti rrendiet operattiv il-perjodu ta' sena (1) prigunerija.

F'dak li jirrigwarda l-piena imposta mill-Ewwel Qorti ghar-reati mertu ta' dawn il-proceduri jirrizulta li Qorti kkundannat lill-appellant ghal perjodu ta' sentejn u tmien xhur prigunerija effettivi. L-appellant jaghmel numru ta' sottomissjonijiet fl-appell tieghu dwar il-fatt li l-appellant ghandu bzonn l-ghajnuna beix johrog mix-xibka emozzjonali li nqabad fiha, li l-kwerelanta stess ikkomunikat u tkelmet mieghu u li piena karcerarja zgur li mhux ser twassal ghal ebda ghajnuna, fil-karattru tal-appellant, tenut kont tal-akkuzi odjerni. Jissottometti li l-piena hija eccessiva tenut kont ta' diversi fatturi fosthom il-koperazzjoni bikrija tal-imputat u r-rinunzja tal-kwerelanta b'mod volontarju.

Din il-Qorti fl-ewwel lok tqis li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti mhux biss hija fil-parametri tal-ligi izda ma tersaqx vicin il-massimu, tant li fil-fatt l-ewwel imputazzjoni tikkontempla l-piena ta' prigunerija massima ta' hames (5) snin. Din il-Qorti tqis li tenut kont tal-fatt li r-reat huma reati serji li gew kommessi fuq medda ta' xhur u fejn

Chantelle Attard ma hijiex l-unika vittma, minkejja li hija rrinunzjat ghal proceduri kontra tal-appellant u f'xi istanzi fl-istqarrijiet tieghu l-appellant jammetti u ghalhekk jikopera mal-Pulizija, jirrizulta li hemm vittmi ohra li ma rrinunzjawx ghal dawn il-proceduri. In oltre', din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-appellant b'disrispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti ma tghallem xejn mis-sentenza fejn kien inghata sentenza sospiza u fejn il-Qorti ordnat il-hrug ta'ordni ta' protezzjoni.

B'zieda ma dan, din il-Qorti tqis li anke jekk Chantelle Attard ghamlet kuntatt mal-appellant u in oltre anke cemplet lill-appellant, jirrizulta li kellu jkun l-appellant li ma jikkomunikax maghha, mhux talli hekk, talli anke meta kien jaf li kienet f'relazzjoni baqa jdejjaq lilha, lis-sieheb taghha u l-familji taghhom, agir li kkawza dwejjaq u biza f'numru ta' persuni. L-appellant jargumenta li '*confinement doesn't improve one-self*', din il-Qorti izda tqis li l-appellant kien gia inghata diversi cansijiet mill-Qrati u ghazel li jibqa ghaddej bl-agir kriminuz tieghu.

Il-Qrati ma jistghux jippermettu agir bhal tal-appellant, agir li jikkawza biza u dwejjaq f'hajjet kemm tal-persuna li kienet il-partner tieghu u anke ta' familjari ohra. Mhijiex skuza li l-appellant jghid fl-appell tieghu li nqabad f'xibka emozzjonali. L-appellant kellu jiehu pass lura u bl-ebda mod ma jaghmel kuntatt ma' Chantelle Attard, l-appellant mhux biss ghamel kuntarr ma' Chantelle Attard izda in oltre' l-agir tieghu kien jammonta ghal fastidju, segwiment ta' persuna il-mohbi, liema agir kien ikkrea biza f'Chantelle Attard u Warren Bonello, fejn l-appellant kien anke ingurja u hedded lil Chantelle Attard, Warren Bonello u Gregory Attard u anke hedded permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni li jaghmel reat. Din il-Qorti tissottolinea li persuna ghandha kull dritt li ttemm relazzjoni u ma ghandhiex tigi kostretta tghix hajja f'biza fejn lanqas ordni ta' protezzjoni u sentenza sospiza ma kienet bizzejjed biex twiddeb u trazzan l-agir tal-appellant. In oltre' anke jekk Chantelle Attard setghet kienet qieghda taghtih dak li nsejhulhom 'mixed messages' ta' fejn kienet tinsab

emozzjonalment fir-rigward tal-appellant, l-agir tal-appellant ma jista' qatt ikun gustifikat.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena imposta mill-Ewwel Qorti, piena li taqa' fil-parametri tal-ligi li lanqas tersaq lejn il-massimu. B'zieda ma dan, din il-Qorti tinnota li ghalkemm il-Qorti sabet htija ukoll taht l-artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabilixxa l-piena ta' multa, il-Qorti naqset milli tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa. Gialadarba l-Avukat Generali ma appellax minn din is-sentenza, din il-Qorti ma hijiex sejra tvarja l-piena imposta mill-Ewwel Qorti li kif gia inghad lanqas hija fil-massimu permessibli fil-ligi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tvarja s-sentenza appellata, b'dan li tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija tat-tielet (3) imputazzjoni kontra l-appellant fir-rigward ta' Carmelo Attard, Silvana Attard[10] u Leonora Attard[11] izda tikkonferma l-htija kemm ta' din it-tielet (3) imputazzjoni kontra l-appellant fir-rigward tal-persuni l-ohra msemmija f'dik l-imputazzjoni u anke tikkonferma l-htija tal-kumplament tal-imputazzjonijiet kif misjuba mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tikkonferma ukoll il-piena, b'dan li l-Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn jibda ghaddej mil-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Frankin Calleja

Deputat Registratur

---

[10] Fix-xhieda taghha tat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) indikata bhala 'Sylvana Attard'.

[11] Fix-xhieda taghha tat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) indikata bhala 'Leonora Vella Attard'